**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 04/25**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 7 ta' April 2025 |
| **Ħin:** | 5:47pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Mill-5:56pm)
Enya Abela - Kunsilliera (Sat-8:30pm)
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier (mill-5:56pm)
Ivan Giardina - Kunsillier (Skużat)
Luke Dublet - Kunsillier (Skużat)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**04.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**04.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**04.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**04.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**04.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**
**04.06** **Manuċċa Child Day Care Centre;**
**04.07** **Xogħlijiet;**
**04.08** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**04.09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**04.10** **Mozzjonijiet; u**
**04.11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**04. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Segretarju Ezekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ ittri ta; apoloġija ta' Giardina u Doublet minħabba mard. | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Attard | Il-Minuti 03/25 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korezzjonijiet. | |
| 4 2 1 | 03.10.05 | Camilleri | Għandha tiġi li l-attivita' tal-iskola kienet proġett tal-E Twinning u ġiet magħquda mal-Let's Talk Farming minħabba s-siġar li ġew mogħtija minnhom u tħawwlu mit-tfal. Tiżdied ukoll li bħalissa għandna studenta Spanjola. | Camilleri |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2 4 | 03.02.03 | Aquilina: Żjara fl-iskola | Aquilina qal li din ser titkompla u min rebaħ ser ikun qed jieħu dawra bit-train miż-Żejtun sar-Ramla, il-Knisja ta' San Girgor kif ukoll id-Domus. | Aquilina |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2 | 8 | 03.03.05 | Caruana: Dawl fi Ġnien iż-Żgħożija | Caruana qal li l-Enemalta qabdet mil-lightups sal-arblu. Qed nistennew lin-Nexos Street Lighting mal-kuntrattur Silvar Constructions Ltd sabiex iqabbdu l-kumplament tal-konnessjonijiet. Żid li fi Ġnien iż-Żogħżija sabiex isiru żewġ floodlights temporanji. Talab li r-rapporti jgħaddu b'iktar attenzjoni sabiex ma jkunx hemm xogħol doppju. | Caruana |
| 04. | 2 | 7 | 03.03.09 | Camilleri | Camilleri qalet li bħalissa għandna lil Eva, studenta Spanjola li ġiet għall-esperjenza fil-Kunsill Lokali, il-Manuċċa kif ukoll bħalissa qedha fl-Iskola Primarja B u għandha sat-22 t'April. | Camilleri |
| 04. | 2 | 3 | 03.05.01 | Attard: Laqgħa mal-Faces | Attard qal li kellna laqgħa ma' Faces fis-26 ta' Marzu fejn qalulna li ser jibdew bis-shelters li jintużaw ħafna. Komopla billi qal li ser tiżdied waqfa ġdida fejn Sqaq iċ-Ċawsli u għalissa dan twaħħal bħala bus stop temporanju. Attard issuġerixxa li fis-sajf wara Ġunju, l-84A tibda tgħaddi mir-Ramla. Aquilina żied li dan għadnu jsir f'ħinijiet speċifiċi biss u mhux r-rottot kollha. | Attard |
| 04. | 2 | 5 | 03.07.01 | Aquilina: Ġieh iż-Żejtun | Aquilina qal li morna tajjeb ħafna u l-attivita' kienet suċċess. | Aquilina |
| 04. | 2 | 2 | 03.10.02 | Abela: *Weight Management Programme* | Abela qalet li dan beda u qed nistennew riposta kemm filfatt attendew parteċipanti. Irreġistraw 18 pero ikkonfermaw 11. | Abela |
| 04. | 2 | 6 | | Camilleri: E-twinning | Camilleri qalet li l-attivita' bejn l-iskola taż-Żejtun u dik tal-Mġarr saret. Kien hemm żewġ klassijiet tar-raba' sena, saret drama, tħawwlu 4 siġar taċ-ċitru li ingħataw donazzjoni mill-iskola. Kien mistieden kulħadd. Irringrazzjat lil kull min attenda. | Camilleri |

**04 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/25. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | | Sindku: Vjal Kulħadd | Is-Sindku qalet li l-attivita' minn Infrastructure Malta saret fit-23 ta' Marzu u irringrazzjat lil kull min attenda. Għad baqa' ftit problemi tsal-parkeġġi li qed jiġu ndirizzati. Irringrazzjat lill-Ministru Chris Bonnet u lis-CEO Steve Ellul tax-xogħol li wettqu. | |
| 04 | 3 | 2 | | Sindku: Ħajt il-Wied | Is-Sindku qalet li x-xogħol minn IM miexi u s-sqaqin huma lesti apparti sqaq numru 4 peress li huwa privat u għad irid jgħaddi għand il-gvern qabel isir ix-xogħol. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 3 | Sindku: Triq il-Qadi | Is-Sindku qalet li IM kompliet bix-xogħol u kien hemm garaxxijiet li daħlilhom ħafna ilma sakemm inqalat il-bankina. Qalet li diskutiet il-problema li bħalissa hemm fil-kantuniera ma' Triq Wied il-Għajn minħabba siġra kbira kif ukoll sabiex tissolva l-problema li jżomm l-ilma. Aquilina staqsa dwar problema li hemm fil-bankina k/m Triq il-Marrubja. |
| 04 | 3 | 4 | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku qalet li x-xogħol mill-kuntrattur tagħna mieix sew pero kellna nieqfu ftit peress li ridna ndaħħlu l-ERA minħabba siġra sabiex tiġi rilokata. |
| 04 | 3 | 5 | Sindku: Tours maż-Żejtun | Is-Sindku qalet li avviċinaha s-Sur Joe Abdilla li jixtieq jibda jorganizza tours madwar iż-Żejtun għat-turisti Franċiżi u Amerikani. Ser isib l-appoġġ min naħa tal-Kunsill. |
| 04 | 3 | 6 | Sindku: Kunċerti tal-każini | Is-Sindku qalet li ż-żewġ każini tellgħu l-kunċerti mill-isbaħ għall-żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Min seta' attenda għal dawn il-kunċerti. |
| 04 | 3 | 7 | Sindku: Reġjun Nofsinhar | Is-Sindku qalet li r-Reġjun qed jgħin fl-attivitajiet fejn ħareġ skema għall-każini fejn ibbenifikaw minn ta' €1000 bejn il-każini, kif ukoll beda l-kwiżż għat-tfal u ħadu sehem l-Iskola Primarja B u ż-Żejtun Corinthians. |
| 04 | 3 | 8 | Sindku: Festa San Girgor | Is-Sindku qalet li l-festa ta' filgħodu ser tkun organizzata mid-Direttorat tal-Kultura, ser jieħdu sehem Xir Cammini b'mixja mill-Mdian sal-Knisja ta' San Girgor, Sbandieratori di Faenza, għana malti u u attivitajiet oħra għall-familja kollha. Ser issir press conference fl-14 ta' April fl-10:30am fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Kulħadd mistieden. Filgħaxija ssir l-purċissjoni fejn fost l-oħrajn ser jiġu mistiedna l-fratellanzi ta' Malta kollha. |
| 04 | 3 | 9 | Sindku: Press Conference Restawr tal-knisja | Is-Sindku qalet li fid-9 ta' April fis-1:30pm ser issir Press Conference mill-Ministru Owen Bonnici bħalha inawgurazzjoni tar-restawr tal-parti ta' wara tal-Knsija. Kulħadd mistieden. |
| 04 | 3 | 10 | Sindku: Triq Bugħarbiel | Is-Sindku qalet li qed nistennew minn TM dwar il-proposta tal-One-Ways. Attard qal li din intbagħtet fis-26 ta' Frar u qed nistennew risposta. |
| 04 | 3 | 11 | Sindku: Triq il-Għadam | Is-Sindku qalet li IM dalwaqt tibda x-xogħol bżonnjuż ħafna f'din it-triq. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 12 | | Sindku: Roundabout f'Tal-Barrani | Is-Sindku qalet li hi flimkien mal-Viċi-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u Attard kellhom laqgħa mas-CEO Steve Ellul dwar il-proposti li ssir roundabout f'din iż-żona. Ressqu l-ħsieb li dan ser jiġġenera problema fit-traffiku. Aħna qed nisħqu li għandha ssir underpass sabiex tittaffa l-problema. IM qalulna li din ser tkun l-ewwel fażi u l-quddiem jitkompla l-proġett. Bħala kunsill tlabna li niġu nfurmati bix-xogħol kollu li ser isir u l-emendi hekk kif ser jiġu proposti qabel jibda x-xogħol. |
| 04 | 3 | 13 | | Sindku: Kondoljanzi | Is-Sindku qalet li bagħtna l-kondoljanzi lis-Sindku ta' Celano peress li ġie nieqes missieru. |
| 04 | 3 | 14 | | Sindku: Play 4 Jays Murder Mystery Walkthrough | Is-Sindku qalet li ser titellgħa play fil-bini tal-kunsill bejn is-16 u t-18 ta' Mejju. Postijiet huma limitati. |
| 04 | 3 | 15 | | Sindku: Sessjoni ta' informazzjoni | Is-Sindku qalet li fil- 25 ta' April ser issir sezzjoni ta' informazzjoni minn Mirea dwar kif wieħed jista' jnaqqas il-konsum ta' enerġija. Miftuħa għall-kulħadd. |
| 04 | 3 | 16 | | Sindku: Ħajt Ġnien tal-Kunsill | Is-Sindku qalet li ser isir malajr kemm jista' jkun sabiex jinħatt u jerġa jinbena ċint perikoluż ħafna fil-ġnien tal-kunsill. Il-Ġnien ser jitnaddaf ukoll. |
| 04 | 3 | 17 | | Sindku: Vann | Is-Sindku qalet li għamilna talba sabiex il-vann li bħalissa huwa misluf lis-Silver-T jgħaddi għandna u nibdew nimmaniġjaw is-servizz aħna. Dan jista' jieħu sa sitt xhur peress li hemm kuntratt dwar dan. Sadanitant id-DLG ser ikun qed itina xufier li ser ikun assenjat mal-Kunsill sabiex joffri dan is-servizz. |
| 04 | 3 | 18 | | Sindku / Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-impjieg ta' Frans Borg ġie terminat wara komunikat mal-avukat tagħna fejn tħallas in-notice dovut. Il-Ġardinar Andrew Cassar ser jirtira u għalhekk ser tkun qed tinfetaħ sejħa għall-post vakanti ta' żewġ ġardinara. |
| 04 | 3 | 19 | 01 | Id cards | Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li meta Identity Malta ikollha bżonn is-servizz tagħna sabiex jiġu mqassma l-id cards lir-residenti, il-Kunsill ikun qed jgħin f'dan il-proċess. Il-quddiem se naraw kif ser jitħaddem dan is-servizz. |
| 04 | 3 | 20 | 06 | Talba għall-kumpens | Wara diskussjoni kien hemm qbil li din l-ispiża għandha tiġi ċċekjata mal-insurance l-ewwel. |

**04. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. 4 1 | | Caruana Roderick | Caruana staqsa dwar venditur tal-ġelat li fis-snin ta' qabel kellna problemi għax rama bla permess jew mhux fiż-żona ndikata. Ser inkunu qed niċċekjaw sabiex ma terġax tirrepeti ruħha. | |
| 04. 4 2 | | Aquilina: Fuljett San Girgor | Aquilina qal li qed jiġi finalizzat il-fuljett b'informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa fiż-Żejtun u fejn wera x-xewqa li kull sena tingħata informazzjoni dwar kull statwa li toħroġ fil-purċissjoni. Caruana issuġerixxa li jsiru qr codes sabiex wieħed jaċċessa malajr is-seba' visti. Qamet diskussjoni dwar jekk għandiex tingħalaq it-triq waqt il-ħinijiet tas-seba' visti u l-Ġimgħa filgħodu. Kien hemm qbil li dawn m'għandhomx jingħalqu. | |
| 04. 4 3 | | Abela: Arblu dekorattiv fi Triq San Girgor | Abela staqsiet dwar l-arblu dekorattiv li ilu nieqes. Caruana qal li dan ser jitneħħa kompletament peress li tal-iskart kull darba qed jolqtu. | |
| 04. 4 4 | | Abela: Speed camera fi Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Abela staqsiet jekk kinx hemm xi żvilupp. Is-Sindku qalet li għadna qed nistennew risposta. Aħna tlabna li ssir central strip ukoll. Abela qalet ukoll li fi Triq Sant'Anġlu r-residenti qed isibu problema biex jidħlu fil-ħin tal-iskola. Ser inkellmu TM dwar dan biex insibu soluzzjoni. Semmiet ukoll ir-railing li hemm fi Triq id-Daħla ta' San Tumas biex naraw kif l-aħjar isir. | |
| 04. 4 5 | | Caruana Ray: Camera | Caruana qal li l-camera li hemm fi Triq Alfred Cachia Zammit għandha tiġi mħaddma għall iskop li twaħħlet. | |

**04. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 5 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**04. 6.** **Manuċċa Child Day Care Centre;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku ressqet ir-rapport finanzjarju u tat spjegazzjoni tad-dħul u ħruġ u l-bilanċ li kien baqa' wara li tinqata' t-taxxa. | |

**04. 7.** ***Xogħlijiet;***

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04 7 1 | | SindkU: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li bħalissa għaddej ix-xogħol minn IM sabiex isir il-grass concrete bejn is-siġar f'dan il-Vjal. Qed isiru wkoll il-koki ġodda bil-ġebel tal-qawwi u ser issir dawl li jagħti għas-siġar. | |

**04. 8.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Aquilina: Tifkira | Aquilina qal li ser ikunu qed jieħdu sehem l-Scouts flimkien mal-Għaqdiet u l-Kunsill Lokali fejn ssir iċ-ċerimonja ta' tqegħid tal-fjuri flimkien ma' silta dwar il-ġrajja kif ukoll ser tindaqq mogħta mill-kampnar tal-knisja bħala tislima. | |
| 09. 8. 2 | | Sindku / Dorcas | Is-Sindku qalet li din is-sena l-figolli ser jinħadmu mill-Kids Club sabiex jinagħtaw lill-persuni b'diżabilita'. Dawn ser ikunu qed jgħinu wkoll billi fl-aħħar iżejjnu huma stess l-istess figolli. | |

**04. 11.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 04/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 11. 3 | | *Petty Cash* - Marzu 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Marzu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €225.21. | Segretarju Eżekuttiv |

**04 12** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 12 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. | |

**04 13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:53pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 5 ta' Mejju 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA

Joan Agius

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv